Nru./No. 21,296
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2024
Tuesday, 6th August, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 23,499 - 23,505
Government Notices ..... *23,499 - 23,505*

Avviżi tal-Qorti 23,506
Court Notices *23,506*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1015

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2024 dwar il-Liċenzja tal-Bennejja huwa b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġiżlazzjoni msemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jipprovdu ċertezza legali fir-rigward ta' operaturi liċenzjati u l-ħtiġijiet tas-settur.

Is-6 ta' Awwissu, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 1015

MINISTRY FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN EXERCISE of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has made the following order:

The Masons' Licence Regulations, 2024 is hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to provide legal certainty with regard to licenced operators and the requirements of the sector.

6th August, 2024

No. 1016

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regoliamenti	Regolamenti tal-2024 dwar il-Liċenzja tal-Bennejja
Attività li għandha tiġi regolata	Liċenzja tal-Bennejja
Entità responsabbli	Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

2. Sommarju u sfond

Ir-Regolamenti tal-2024 dwar il-Liċenzja tal-Bennejja ser ikunu qed jissostitwixxu żewġ artikoli li jinsabu fil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dawn ir-regolamenti li jissostitwixxu dawn iż-żewg artikoli jipprovdu għal definizzjoni moderna ta' bennej, jistabbilixxu l-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja u jipprovdu strument legali aktar adegwat biex tali Kumitat ikun jista' jaħdem.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument legali

Dawn ir-regolamenti huma magħmula minn erbgħa u għoxrin (24) regolamenti u żewġ Skedi kif ġej:

Regolament 1: Titolu u bidu fis-seħħ.

Regolament 2: Tifsir.

Regolament 3: Liċenzja tal-bennej.

Regolament 4: Responsabbiltà tal-bennej.

Regolament 5: Twaqqif tal-Kumitat.

Regolament 6: Segretarju tal-Bord.

Regolament 7: Appoġġ amministrattiv lill-Kumitat.

Regolament 8: Terminu tal-kariga.

Regolament 9: Funzjonijiet tal-Kumitat.

Regolament 10: Proċedura u laqgħat tal-Kumitat.

Regolament 11: Rimunerazzjoni tal-membri tal-Kumitat.

Regolament 12: Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja.

Regolament 13: Eliġibbilità.

Regolament 14: Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja.

Regolament 15: Deċiżjonijiet ta' liċenzjar mill-Kumitat.

Regolament 16: Ħruġ u tiġdid ta' liċenzja.

Regolament 17: Reġistru.

Regolament 18: Rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja.

Regolament 19: Applikazzjoni għat-tħassir ta' liċenzja.

Regolament 20: Provvista ta' taħriġ u korsijiet.

Regolament 21: Reati.

Regolament 22: Penali amministrattiva.

Regolament 23: Sospensjoni u revoka ta' liċenzja.

Regolament 24: Dispożizzjoni tranżitorja.

Skeda I: Drittijiet.

Skeda II: lista ta' kompetenzi li huma meħtieġa għall-prattika tas-sengħa ta' bennej f' Malta.

4. Kummentarju fuq il-partijiet operattivi tal-instrument legali

Ir-regolament 2 jelenka t-tifsir tat-termini wżati fir-regolamenti. Id-definizzjoni ta' "bennej" jew "bennej liċenzjat" tinkludi persuni li jsewwu u jibnu kwalunkwe struttura magħmula mill- konkrit, ġebel, briks, jew azzar kif ukoll il-bini ta' ċint biex tinżamm il-ħamrija jew kwalunkwe materjal jew likwidu ieħor.

Ir-regolament 3 jipprovdi li s-sengħa tal-ġebel għandha tiġi eżerċitata biss minn bennejja liċenzjati. Għalhekk, kwalunkwe kostruzzjoni ta' bini u kwalunkwe xogħol relatat miegħu għandu jsir biss minn bennejja liċenzjati.

Ir-regolament 4 jiddeskrivi r-responsabbiltajiet li l-bennejja liċenzjati għandhom iżommu, jiġifieri li jobdu l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-liċenzja u l-Awtorità, li jiżguraw li kwalunkwe xogħlijiet imwettqa jsegwu linji gwida ta' prattika tajba, li jobdu u jwettqu xogħlijiet ta' kostruzzjoni skont dokumenti approvati maħruġa mill-Perit responsabbli u li l-bennej għandu jkun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni meta jkun qed jissorvelja jew iwettaq xogħlijiet.

Ir-regolament 12 jobbliga lill-Awtorità li tippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website tal-Awtorità bid-dettalji dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-bennejja, bil-forma, informazzjoni, dokumenti meħtieġa, dati u ħin għall-eżamijiet u drittijiet tal-applikazzjoni.

Ir-regolament 13 jipprovdi l-kriterji ta' eliġibbilità biex wieħed japplika għal-liċenzja tal-bennejja. Il-kriterji jinkludu li l-applikant:

(a) ikollu mill-inqas tmintax (18)-il sena, u huwa ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew inkella huwa awtorizzat li jaħdem f'Malta;
(b) ikollu ċertifikat ta' kwalifika jew kompetenza fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni; u
(ċ) ikun persuna ta' reputazzjoni u kondotta tajba.

Persuna titqies li hija ta' reputazzjoni u kondotta tajba meta ma tkunx instabet ħatja li wettqet reat skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kapitolu 623 tal-Liġijiet ta' Malta) sentejn (2) qabel japplika għa liċenzja; u l-applikant lanqas ma għandu jkun ġie misjub ħati ta' xi reat korrispondenti taħt xi liġi ta' pajjiż barra minn Malta. Jekk l-applikant kellu inqas minn tmintax(18)-il sena f 'dak iż-żmien, il-perjodu ta' żmien imsemmi qabel jitnaqqas għal sena (1).

Ir-regolament 14 jagħti dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni u l-informazzjoni supplimentari kollha meħtieġa inklużi ċ-ċertifikati tal-kondotta mill-post tar-residenza abitwali. Id-drittijiet elenkati fl-Iskeda I jridu jitħallsu wkoll.

Ir-regolament 15 jipprovdi li il-Kumitat għandu jevalwa l-kompetenza professjonali tal-applikant billi jagħmel żewġ (2) eżamijiet, li wieħed (1) minnhom għandu jkun miktub u, jew orali u l-ieħor prattiku. Deċiżjoni għandha tiġi pprovduta fi żmien ħmistax (15)-il jum mill-eżami, b'konċessjoni possibbli ta' darba ta' ħmistax (15)-il jum addizzjonali. Barra minn hekk, il-Kumitat jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni dwar l-applikant minn kwalunkwe awtorità kompetenti kif meqjus meħtieġ.

Ir-regolament 16 jipprovdi li l-Kumitat għandu joħroġ il-liċenzji ta' bennej. Tali liċenzja hija valida għal sentejn (2), pero l-Kumitat għandu s-setgħa li jissospendi jew jirrevoka l-liċenzji. Il-liċenzja hija meħtieġa wkoll li tiġġedded kull sentejn (2). Fl-applikazzjoni inizjali għat-tiġdid tal-liċenzja maħruġa skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Kumitat jista' jissottometti lill-applikant għal proċess ta' eżami kif spjegat fir-regolament 15.

Ir-regolament 17 jipprovdi għad-dettalji li jinżammu fir-reġistru miżmum mill-Awtorità. Kwalunkwe tibdil fid-dettalji tal-liċenzja ta' bennej għandu jiġi pprovdut lill-Awtorità mingħajr dewmien.

Ir-regolament 18 jimponi obbligu fuq il-Kumitat li mar-rifjut ta' applikazzjoni, jintbagħat avviż ta' rifjut fi żmien ħmistax (15)-il jum lill-applikant bir-raġunijiet għar-rifjut. L-applikant jista' fi żmien ħmistax (15)-il jum jippreżenta, bil-miktub, raġunijiet għaliex l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi rrifjutata, u l-Kumitat huwa obbligat jikkunsidra dawn ir-raġunijiet qabel ma jieħu deċiżjoni finali. Jekk il-Kumitat xorta jirrifjuta l-applikazzjoni, jinħareġ avviż ta' deċiżjoni fi żmien ħamest (5) ijiem bil-posta reġistrata. L-avviż ta' deċiżjoni għandu jenfasizza r-raġunijiet għar-rifjut tal-Kumitat (inklużi r-riżultati tal-eżamijiet) u jinforma lill-applikant bid-dritt tiegħu li jappella fi żmien għoxrin (20) jum.

Ir-regolament 19 jipprovdi li bennej liċenzjat jista' jħassar il-liċenzja permezz ta' applikazzjoni lill-Awtorità u l-ħlas tad-dritt tal-kanċellazzjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni li ma hemm l-ebda proċedimenti jew raġuni għall-proċedimenti pendenti. Il-Kumitat għandu jneħħi l-liċenzja mir-reġistru u jikkomunika din id-deċiżjoni lill-applikant fi żmien tletin (30) jum. Kwalunkwe tħassir tal-liċenza ma għandux ineħħi l-obbligazzjoni għal xi xogħol jew servizzi mwettqa qabel it-tħassir tal-liċenzja.

Ir-regolament 20 jipprovdi li bennejja liċenzjati jistgħu jintalbu jattendu korsijiet jekk ikunu ġew introdotti rekwiżiti ġodda li jappartjenu għall-attivitajiet u s-suġġetti fl-Iskeda II. L-attendenza u t-tlestija ta' dawn il-korsijiet huma meħtieġa għat-tiġdid ta' kwalunkwe applikazzjoni.

Ir-regolament 21 u 22 jipprovdu għar-reati u penalitajiet amministrattivi.

Ir-regolament 23 jipprovdi għar-revoka jew sospensjoni temporanja tal-liċenzja tal-bennej għal nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti. Il-liċenzja tista' terġa' tinħareġ jekk l-azzjonijiet jiġu rettifikati u jistgħu jiġu imposti kondizzjonijiet. Il-Qrati jistgħu wkoll jissospendu l-liċenzja jew jordnaw lill-Awtorità sabiex tirrevoka l-liċenzja, u kwalunkwe sospensjoni jew revoka għandha ssir pubblika fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità bil-persuni jkollhom id-dritt li jappellaw.

Ir-regolament 24 jipprovdi li persuni li bħalissa huma bennejja liċenzjati skont il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u li l-liċenzja tagħhom ser tiskadi fis-sena 2024 għandhom ikunu awtorizzati jżommu l-liċenzja tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2024, sa liema żmien għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għat-tiġdid.

5. Taqsima konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni, jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil:
Posta elettronika: (info@bca.org.mt)
Telefown: 2095 5000

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma humiex deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-6 ta' Awwissu, 2024

No. 1016

MINISTRY FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Explanatory Notes

1. Introduction

Title of Regulations	Masons' Licence Regulations, 2024
Activity to be regulated	Masons' Licence
Responsible entity	Building and Construction Authority

2. Summary and background

The Masons' Licence Regulations, 2024 will be substituting two articles which are found in Code of Police Laws (Chapter 10 of the Laws of Malta).

These regulations replacing these two articles provide for a modern definition of a mason, set out a Masons' Licensing Committee and provide a more adequate legal instrument for such Committee to be able to work.

3. Overview of the structure of the legal instrument

These regulations are made up of twenty-four (24) regulations and two (2) Schedules as follows:

Regulation 1: Citation and commencement.

Regulation 2: Interpretation.

Regulation 3: Mason's licence.

Regulation 4: Responsibility of the mason.

Regulation 5: Establishment of the Committee.

Regulation 6: Secretary to the Board.

Regulation 7: Administrative support to the Committee.

Regulation 8: Term of office.

Regulation 9: Functions of the Committee.

Regulation 10: Procedure and meetings of the Committee.

Regulation 11: Remuneration of the Committee members.

Regulation 12: Publication of application for a licence.

Regulation 13: Eligibility.

Regulation 14: Application for issuance of a licence.

Regulation 15: Licensing decisions by the Committee.

Regulation 16: Issuance and renewal of a licence.

Regulation 17: Register.

Regulation 18: Refusal of an application for a licence.

Regulation 19: Application for the cancellation of a licence.

Regulation 20: Provision of training and courses.

Regulation 21: Offences.

Regulation 22: Administrative penalty.

Regulation 23: Suspension and revocation of a licence.

Regulation 24: Transitory provision.

Schedule I: Fees.

Schedule II: List of competencies which are necessary to practice the trade of mason in Malta.

4. Commentary on the operative parts of the legal instrument

Regulation 2 lists the definitions of the terms used in the regulations. The definition of a "mason" or "licencesed mason" includes persons who repair or construct any structure in concrete, stone, brick, or steel as well as the construction of embankments to retain soil or any other materials or liquids.

Regulation 3 provides that the masonry trade shall be exercised by duly licenced masons. Therefore, any construction of buildings and any work relating to it shall only be performed by licenced masons.

Regulation 4 provides for the responsibilities which licenced masons shall uphold, namely abiding by the conditions and requirements of the licence and the Authority, ensuring that any works executed follow good practice guidelines, abiding by and conducting construction works according to approved documents issued by the Perit responsible and that the mason is to be present on the construction site when supervising or carrying out works.

Regulation 12 obliges the Authority to publish a notice in the Government Gazette and on the Authority's website with the details regarding the applications for the masons' licences, with the form, information, documents required, dates and time for examinations and the application fees.

Regulation 13 provides for the eligibility criteria for one to apply for the masons' licence. The criteria include that the applicant:

(a) is at least eighteen (18) years old and a citizen of Malta or of another Member State of the European Union or is otherwise authorised to work in Malta;
(b) is in possession of a certificate of qualification or competence in the field of building and construction; and
(c) is a person of good repute and conduct.

A person shall be deemed to be of good conduct and repute when he was not be convicted of committing an offence in accordance with the Building and Construction Authority Act

(Chapter 623 of the Laws of Malta) two (2) years prior to applying for a licence; and the applicant shall also not have been convicted of any corresponding offence under any law of a country outside Malta. If the applicant was less than eighteen (18) years old at the time, the time period mentioned previously is reduced to one (1) year.

Regulation 14 details the application requirements and all supplementary information required including a conduct certificate from the place of habitual residence. The fee listed in Schedule I will also need to be paid.

Regulation 15 provides that the Committee shall assess the professional competence of the applicant by holding two (2) examinations, one (1) of which shall be written and, or oral and the other shall be a practical examination. A decision shall be provided within fifteen (15) days of the examination, with a possible one-time concession of an additional fifteen (15) days. Additionally, the Committee may request any information about the applicant from any competent authority as deemed necessary.

Regulation 16 provides that the Committee shall issue masons' licences. Such licence is valid for two (2) years, although the Committee shall have the power to suspend or revoke licences. The licence is also required to be renewed every two (2) years. In the initial application for renewal of the licence issued in terms of the Code of Police Laws, the Committee may subject the applicant to the examination process explained in regulation 15.

Regulation 17 provides for the details to be kept in a register held by the Authority. Any changes in the licence details of a mason shall be provided to the Authority without delay.

Regulation 18 imposes an obligation on the Committee that upon refusal of an application, a notice for refusal is sent within fifteen (15) days to the applicant stating the reasons for refusal. An applicant may, within fifteen (15) days submit, in writing, reasons why the application should not be refused, and the Committee is obliged to consider these reasons before taking a final decision. If the Committee still proceeds to refuse the application, a decision notice will be issued within five (5) days by registered post. The decision notice will highlight the reasons for the Committee's refusal (including examination results) and inform the applicant of their right to appeal within twenty (20) days.

Regulation 19 provides that a licenced mason may cancel his licence through an application to the Authority and the payment of the cancellation fee, accompanied by a declaration that no proceedings or any other reason for proceedings are pending. The Committee shall remove the licence from the register and communicate this decision to the applicant within thirty (30) days. Any cancellation of the licence shall not remove the liability for any work or services performed before the cancellation of the licence.

Regulation 20 provides that licenced masons will be requested to attend courses if new requirements have been introduced pertaining to the activities and subjects in Schedules II.

The attendance and completion of these courses will be required for the renewal of any application.

Regulation 21 and 22 provide for the offences and administrative penalties.

Regulation 23 provides for the revocation or temporarily suspension of the mason's licence for failure to comply with these regulations. The licence may be re-issued if actions are rectified and conditions may be imposed. The Courts may also suspend the licence or order the Authority to revoke the licence, and any suspensions or revocations will be made public on the Authority's website with the persons having the right to appeal.

Regulation 24 provides that persons who currently are licenced masons in accordance with the Code of Police Laws and whose licence is set to expire in the year 2024 shall be authorised to keep their licence until 31 December 2024, by which time a renewal application shall be submitted.

5. Concluding Section

These regulations shall come into force on such date as the Minister responsible for the construction industry, may by notice in the Gazette establish, and different dates may be so established for different provisions or different purposes of these regulations.

For further information please contact:
Email: (info@bca.org.mt)
Telephone: 2095 5000

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

6th August, 2024

Nru. 1017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

Estensjoni tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay)

SKONT id-dispożizzjoni tal-Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi b'dan qed testendi l-validità tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay), kif stabbilit fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 859 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,280 tal-5 ta' Lulju, 2024, sal-10 ta' Ottubru 2024.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 916 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 22, 271 tad-19 ta' Lulju, 2024, qed tiġi b'din mħassra.

Is-6 ta' Awwissu, 2024

No. 1017

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Article 69 of the Environment Protection Act

Extension of the Turtle Nesting Emergency Conservation Order of Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay)

IN accordance with the provisions of Article 69 of the Environment Protection Act, the Environment and Resources Authority is hereby extending the validity of the Turtle Nesting Emergency Conservation Order of Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay), as laid down in Government Notice No. 859 published in Government Gazette No. 21,280 of 5th July, 2024, until 10th October, 2024.

Government Notice No. 916 published in Government Gazette No. 22,721 of 19th July, 2024, is hereby being repealed.

6th August, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1693

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Awwissu, 2024, fuq rikors ta' Kroll Trustee Services Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni 10992576 fil-kapaċità tagħha ta' security agent u trustee hekk kif irrappreżentata hawn Malta mill-Avukat Adrian Camilleri (KI 350380M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 18 ta' Settembru, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-vapur hawn taħt deskritt maqbud mingħand M/V Jay 1.

Bastiment bl-isem Jay 1, bin-numru uffiċċjali IMO 9457878, irreġistrat Marshall Islands, MMSI 538011029, Call sign V7A6477, tunnellaġġ gross ta' 12890 tas-sena 2010.

N.B. L-imsemmi vapur jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 14/24.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 5th August, 2024, on the application of Kroll Trustee Services Limited with the registration number 10992576 in its capicty of securtiy agent and trustee as represented in Malta by Lawyer Adrian Camilleri (ID 350380M), Wednesday,18th September, 2024, at half past in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following item seized from the property of M/V Jay 1.

Vessel named Jay 1, with official IMO 9457878, registered Marshall Islands, MMSI 538011029, Call sign V7A6477, gross tonnage 12890 of the year 2010.

N.B. The said vessel will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 14/24.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th August, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1694

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-5 ta' Awwissu, 2024, fuq rikors ta' Kroll Trustee Services Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni 10992576 fil-kapaċità tagħha ta' security agent u trustee hekk kif irrappreżentata hawn Malta mill-Avukat Adrian Camilleri (KI 350380M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-vapur hawn taħt deskritt maqbud mingħand M/V Jay 2.

Bastiment bl-isem Jay 2 (ġja Diamond-T) bin-numru uffiċjali IMO 9499371, irreġistrat Marshall Islands, MMSI 353566000, Call sign 3EUH7, tunnellaġġ gross ta' 17712 tas-sena 2011.

N.B. L-imsemmi vapur jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 15/24.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 5th August 2024 on the application of Kroll Trustee Services Limited with the registration number 10992576 in its capicty of securtiy agent and trustee as represented in Malta by Lawyer Adrian Camilleri (ID 350380M), Wednesday, 2nd October, 2024, at half past in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following item seized from the property of M/V Jay 2.

Vessel named Jay 2 (previously Diamond-T), with official IMO 9499371, registered Marshall Islands, MMSI 353566000, call sign 3EUH7, gross tonnage 17712 of the year 2011.

N.B. The said vessel will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 15/24.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 5th August, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*